

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.6720 – OAO VTB Bank/Corporate Commercial Bank/Bulgarian Telecommunications Company)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2012/C 286/17)

1. Fis-17 ta' Settembru 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriżi OAO VTB Bank ("VTB", il-Federazzjoni Russa) u Corporate Commercial Bank AD ("Corporate Commercial Bank", il-Bulgarija) jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-impriża Bulgarian Telecommunications Company AD ("Bulgarian Telecommunications Company", il-Bulgarija), permezz tax-xiri tal-ishma.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
  - għal VTB: istituzzjoni finanzjarja attiva internazzjonalment,
  - għal Corporate Commercial Bank: istituzzjoni finanzjarja attiva fil-Bulgarija,
  - għal Bulgarian Telecommunications Company: it-telekomunikazzjonijiet u t-televiżjoni diġitali fil-Bulgarija.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet<sup>(2)</sup> ta' min jinnotta li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6720 – OAO VTB Bank/Corporate Commercial Bank/Bulgarian Telecommunications Company, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").